

# Kummissjoni Qniepen Elenjani

## *Il-Qanpiena l-Kbira tal-Bażilika u Kolleġjata Elenjana F' Birkirkara*




Ta min isemmi li qabel il-qanpiena eżistenti kien hemm żewġt iqniepen oħra qabilha. L-ewwel waħda saret minn Ġuża Grech fis-sena 1891 li ma tantx damet isservi għal tul ta' żmien, filwaqt li aktar tard kienet inħadmet qanpiena oħra b'tonalità mill-isbaħ minn Ġulju Cauchi, li sfortunament ma tantx damet tindaqq ukoll.

Il- Qanpiena l-Kbira (eżistenti) jisimha Elena hija l-akbar waħda li nsibu fil- Knejjes Maltin. Tiżen madwar 100 qantar jew aħjar 97 qantar li jiġu madwar 8.34 tunnellati bil-kuruna b'kollox. Twila 10.25 piedi (3.1 m) u għandha dijametru ta 8 piedi (2.44 m). Inħadmet Milan l-Italja mill- Funderija Prospero Barigozzi u tlestiet fl-24 ta' Settembru 1931 u ġiet tiswa £1300 elf u tliett mitt sterlina. Ta min jgħid li s-surmast Mro Carlo Diacono ikkompona t-tonalità tal-istess qanpiena. Hija waslet Malta nhar it-12 ta' Jannar 1932 u tinsab fil-kampnar tan-naħa tax-xellug tal-Bażilika ta' Santa Elena li nbena akbar mill-kampnar l-ieħor preċiżament minħabba l-ħsieb li jkun hemm qanpiena akbar.

Il-ġurnata kienet it-Tlieta, 12 ta' Jannar, 1932, għal ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta filgħodu meta folol kbar ta' nies il-maġġoranza tagħhom Karkariżi inġabru fil-ponta tal-breakwater, fid-daħla tal-Port il-Kbir , sabiex isegwu l-wasla tal-qanpiena l-ġdida. Wara li ġiet inawgurata kien il-Prepostu ta' dak iż-żmien li ta l-ewwel tokki lill-qanpiena permezz ta' martell. Aktar tard, il-qanpiena ġiet mgħobbija fuq karru mgħobbija fuq karru apposta fi triqtha lejn Birkirkara.

Kien il-Ħadd 17 ta' Jannar tal-istess sena fejn waqt ċerimonja li kien saret, il-qanpiena twasslet quddiem il-Bażilika u Kolleġjata ta' Birkirkara u ġiet imtella' fuq iz-zuntier tal-istess Knisja sabiex il-poplu Karkariż u nies oħrajn minn diversi rħula fil-viċinanzi jkunu jistgħu jaraw mill-viċin din il-qanpiena l-ġdida.

*Gabriel u Christopher Buttigieg*